Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Antoine Casha)

vs

Charles sive Ciarlo Mangion

Illum 19 ta' Ottubru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Charles sive Ciarlo Mangion, iben George u Dolores nee Portelli, imwieled Bormla fit-30 ta' Ottubru, 1975 u detentur tal-karta' ta' l-identita' numru 25276(M) akkuzat talli nhar l-24 ta' Awissu, 1997 ghall-habta tat-3.30p.m. f'Hal-Tarxien :

1. Ingurja, hedded u ghamel offiza ta' natura hafifa kif iccertifika Dr. Martin Mallia M.D. fuq il-persuna ta' PC1496 Godwin Farrugia u PC1462 James Green, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku,

waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz;

2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC1496 Godwin Farrugia u PC1462 James Green, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzjzoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita kompetenti;

3. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq proprjeta' pubblika li l-ammont tal-hsara jiskorri l-hamsin lira, izda ma jiskorrix hames mitt lira;

4. Qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti;

5. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku; u

6. Talli sar recediv b'sentenza li saret definittiva fid-29 ta' Jannar, 1996 u aktar talli kiser il-provediment ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18/1/96;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti inkluz lill-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi kollha li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fl-24 ta' Awissu, 1997 ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart ta' wara nofsinhar il-Pulizija ta' Rahal Gdid gew infurmati mill-membri tal-Iskwadra Mobbli tal-Pulizija illi kellhom bzonn l-assistenza hdejn ir-Roundabout ta' Hal-Tarxien. Il-pulizija ta' Rahal Gdid telghu hdejn din ir-roundabout u hemm hekk sabu lill-imputat fuq imsemmi flimkien ma zewg membri tal-mobile squad, cioe' PC1462 James Green u PC1496 Godwin Farrugia. L-Ispettur Antoine Casha xehed illi meta kellem lil dawn iz-zewg pulizija huma qalulu li meta kienu

ghaddejjin petrol hdejn ir-'roundabout' imsemmija kienu raw lill-imputat fuq imsemmi jargumenta ma certu Josephine Camilleri minn l-Isla. Waqfu hdejh peress illi raw illi l-imputat kien qieghed jargumenta ma Josephine Camilleri u ippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Pero' l-imputat fuq imsemmi beda joffendi u jkellem hazin lill-pulizija. Il-pulizija insistew li l-imputat fuq imsemmi jieqaf mill-atteggjament tieghu, pero' mhux talli ma waqafx imma beda joffendihom. Kien ghalhekk illi l-pulizija ordnaw lill-imputat sabiex imur maghhom l-ghassa ta' Rahal Gdid. L-imputat irrifjuta u ghalhekk PC1462 qabad lill-imputat fuq imsemmi biex idahhlu fil-karozza. L-imputat irrezista u waddab lil PC1462 ma l-art u qattalu wkoll il-qalziet tal-uniformi tieghu u ikkaggunalu ferita ta' natura hafifa. PC1496 Godwin Farrugia wkoll garrab xi feriti ta' natura hafifa fuq spallejh tan-naha tax-xellug. L-Ispettur Antoine Casha xehed li meta kellem lill-imputat dwar dan l-incident huwa l-ewwel tah is-solita twissija umbaghad l-imputat ammetta mal-Ispettur Casha illi kien ghamel il-hsarat imsemmija fil-proprjeta tal-pulizija, kemm fil-karozza kif ukoll fl-uniformi. Ammetta li kien ghamel dawn il-hsarat u qal lill-Ispettur Casha illi huwa kien lest li jhallas ghad-danni li kien ikkaguna jekk il-pulizija kienu isibu xi mezz biex jirrangaw l-affarijiet. L-Ispettur Casha ovvjament ma setax iweghdu xejn u meta gew biex jiehdu l-istqarrija tal-imputat bil-

miktub, dejjem skond ix-xhieda tal-Ispettur Antoine Casha, l-imputat fuq imsemmi irrifjuta li iwiegeb ghad-domandi. L-Ispettur Casha kompla jixhed illi minn investigazzjonijiet ulterjuri l-vettura Nru GBP219 tal-ghamla Alfa Romeo tal-Mobile Squad proprjeta tal-Gvern ta' Malta kellha hsara fl-ammont ta' hamsa u tletin lira (LM35), waqt li l-vettura l-ohra tal-pulizija bin-numru N0316 tal-ghamla Fiat Regata kellha hsara fl-ammont ta' tletin lira (LM30). Il-qalziet tal-kuntistabbli Green jiswa tmien liri (LM8) u dawn skond l-Ispettur Casha huma l-hsarat li ikkaguna l-imputat fuq imsemmi meritu tal-incident in kwistjoni.

Illi xehed ukoll PC1462 James Green u qal illi dakinhar kif imsemmi fl-imputazzjoni huwa kien qieghed ma siehbu jaghmel 'observation' hdejn ir-'roundabout' f'Santa Lucija. F'hin minnhom waqfet karozza Alfa Sud u ftit sekondi wara waqfet karozza ohra. Id-'drivers' ta' dawn iz-zewg vetturi hargu mill-karozza. Wahda mid-'drivers' kienet tfajla u l-iehor kien ragel, l-imputat fuq imsemmi. Dan ir-ragel u din it-tfajla gew fl-idejn. Kif raw hekk, skond PC1462, hu u siehbu marru fuqhom sabiex jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Pero' x'hin marru fuq l-imputat dan beda jitkellem b'mod oxxen hafna u qalilhom li ma kienx jimpurtah minnhom u li ma kienx bi hsiebu jaghti kashom. Il-pulizija dejjem ippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni, pero' l-

imputat sar aggressiv u beda jippruva jerfa jdejh fuq il-pulizija. Ghalhekk il-pulizija kellhom juzaw l-inqas forza possibbli sabiex jiehdu lill-imputat maghhom fil-vettura tal-pulizija. X'hin il-pulizija flimkien mal-imputat waslu nofs triq boghod mill-karozza tal-pulizija l-imputat kompla jirrezisti, lil PC1462 James Green tefghu mal-art u x'hin kien qieghed mal-art ra lill-imputat jipprova jiehu l-arma tal-kollega tieghu u cioe' ta' PC1496. Il-pulizija regghu qabdu lill-imputat u x'hin waslu hdejn il-vettura tal-pulizija l-imputat baqa jirrezisti, ippruvaw illibsuh il-manetti u l-imputat giref il-karozza tas-servizz fuq wara bil-manetti. L-imputat ukoll xejjer daqqa ta' sieq u laqat lil PC1496 f'sidru. Umbaghad giet vettura ohra tal-pulizija tal-ghamla Fiat Regata u l-pulizija regghu ippruvaw idahhlu lill-imputat f'din il-vettura. X'hin dahluh f'din il-vettura Fiat Regata l-imputat rega ippruva johrog mill-karozza u meta PC1462 James Green ipprova izomm lill-imputat biex ma johrogx mill-karozza l-imputat gidmu f'idejh. Ix-xhud spjega wkoll illi fil-bidu tal-incident illi kellu l-imputat ma dik it-tfajla il-pulizija kienu semghu lil xi hadd jitfa flixkun mal-art jinkiser. Ix-xhud kompla jghid wkoll illi meta marru fuq l-imputat kienu tawh ordni biex jieqaf u dana peress illi kien kwazi gie fl-idejn ma dik it-tfajla, pero' l-imputat ma kienx obda l-ordni tal-pulizija. Anzi sar aktar aggressiv. L-imputat beda wkoll jidghi u jghid kliem oxxen fil-konfront tal-pulizija. Ix-xhud u siehbu

marru l-poliklinika ta' Rahal Gdid u gew ezaminati minn tabib illi irillaxalhom certifikat fis-sens illi t-tnejn li huma kienu qeghdin ibatu minn ferita ta' natura hafifa kawza tal-incident odjern. Waqt l-incident ghadda wkoll bil-vettura tieghu certu wiehed issejjhulu l-Bona, habib tal-imputat, li wkoll xehed f'dawn il-proceduri u skond il-pulizija dan ipprova jikkalma lill-imputat, imma kien kollu ghal xejn. Ix-xhud qal illi meta l-imputat waqghu mal-art kien tqattalu l-qalziet tal-uniformi, kienu hadu ghand il-quartermaster u kien gie moghti qalziet gdid minfloku.

Illi PS472 Carmel Busuttil ikkonferma bil-gurament tieghu illi kien hemm hsara fil-qalziet tal-uniformi tal-pulizija ta' PC1462 u li l-hsara kienet tammonta ghal hames liri u hamsa u sittin centezmu (LM5.65). Id-data ta' meta gie mibdul dan il-qalziet kienet l-24 ta' Awissu, 1997.

Illi xehed PC1496 Godwin Farrugia u ikkollabora x-xhieda illi ta siehbu PC1462 James Green.

Xehed ukoll PC807 Felix Vella illi ikkonferma x-xhieda illi taw il-pulizija.

Illi xehdet Josephine Camilleri il-mara illi kellu xi jghid l-imputat fuq imsemmi fl-incident odjern u ikkonfermat illi

kien hemm l-imputat fuq imsemmi fis-sakra u beda jghidilha biex tieqaf. Hija bdiet tibza twaqqaf u hemm hekk kienu gwe pulizija jaghtuha l-ghajnuna. Qalet illi dakinhar l-imputat kien ghamel ghall-pulizija. Il-pulizija bdew jippruvaw izommuh u jikkalmawh. Pero' hu beda jidghi u ma hallihomx idahhluh fil-karozza tal-pulizija. Hija ikkonfermat illi l-pulizija kienu gew fuqhom sabiex jaghtuha l-ghajjut. Ikkonfermat illi l-imputat fuq imsemmi dagha u anke qal kliem oxxen. Hija ikkonfermat illi l-imputat fuq imsemmi irrezista l-arrest u l-pulizija haduh l-ghassa bil-forza.

Illi xehed Dr. Martin Mallia u ikkonferma illi kien irrilaxxja c-certifikati lil James Green kif ukoll lil Godwin Farrugia u ikkonferma illi fl-24 ta' Awissu, 1997 meta kien ezaminahom t-tnejn li huma kienu qeghdin ibatu minn griehi ta' natura hafifa.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u qal illi jaf li kellu incident fl-24 ta' Awissu, 1997 u f'dak il-perjodu skond hu kellu problemi fil-familja peress li l-genituri tieghu kienu ghaddejjin minn separazzjoni. L-imputat kompla jixhed illi kien mar jiehu xi tnejn birra minn hanut u dawn hadmu hazin fuqu. Ma kienitx l-ewwel darba li kien ha zewg flixken birra u is-soltu qatt ma jigrilu xejn. Din id-darba kien

thawwad u ma kienx jaf x'kien qieghed jaghmel. L-imputat xehed illi kien qieghed jixrob f'hanut il-Gzira jismu t-Tequila Bar, jaf li dahal hemm hekk u ha xi zewg flixken jew erbgha birra u lanqas biss jaf x'gara wara. Xehed ukoll illi dakinhar kien bela hafna panadols u precizament xi tlieta. L-imputat xehed illi jekk xi hadd hallatlu xi xorb huwa ma jafx u ma jistax jixhed dwar hekk. Pero' jahseb li dakinhar il-birra kienet differenti ghaliex qatt qabel ma kienet ghamlitlu dak l-effett il-birra. L-imputat skuza ruhu dwar in-nuqqasijiet li ghamel lill-pulizija u ipprometta li jhallas id-danni kollha li huwa responsabbli ghalihom. Hu qal illi effettivament huwa diga beda jhallas dawn id-danni.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik illi ingurja, hedded u ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC1496 Godwin Farrugia u PC1462 James Green, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik illi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC1496

Godwin Farrugia u PC1462 James Green, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzjzoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita kompetenti.

Illi precizament dawn huma l-akkuzi kontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9.

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti irrizulta car illi l-imputat ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC1496 Godwin Farrugia u fuq il-persuna ta’ PC1462 James Green, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz u dana skond kif xehdu l-istess pulizija illi l-imputat beda jghajjarhom u ikellimhom b’mod oxxen, kif ukoll illi irrizulta b’mod car li huwa ikkaguna feriti ta’ natura hafifa kemm fuq PC1496 kif ukoll fuq PC1462 u dan kollu gara meta dawn il-persuni li kienu persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz.

Illi wkoll tirrizulta t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat peress li gie ippruvat li l-imputat irrezista l-arrest b’vjolenza kontra PC1496 Godwin Farrugia u PC1462 James Green, persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz

pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew tal-ordni moghtija skond il-Ligi minn Awtorita kompetenti. Effettivament irrizulta illi dawn il-pulizjotti taw ordni lill-imputat, liema ordni l-imputat mhux talli ma obdihiex talli beda jhedded, jingurja u ikellem hazin lill-pulizija. Irrezista li jigi immanettjat tant illi giref zewg vetturi tas-servizz tal-pulizija u b'hekk allura hija ippruvata wkoll it-tielet imputazzjoni fil-konfront tal-imputat fuq imsemmi. Irrezista l-arrest tant illi kellu jieqaf pulizija iehor din id-darba b'Fiat Regata sabiex jassisti liz-zewg pulizija imsemmija fl-imputazzjoni u din il-Fiat Regata giet ukoll mibruxa mill-imputat peress illi kien qieghed jirrezisti l-arrest u dan kollu sar waqt illi PC1462 u PC1496 kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi minn Awtorita kompetenti.

Illi tirrizulta wkoll ir-raba' imputazzjoni dik illi l-imputat qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti, il-hames imputazzjoni dik li volontarjament kiser il-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u s-sitt imputazzjoni cioe' talli sar recediv b'sentenza li saret definittiva fid-29 ta' Jannar, 1996 u aktar talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Jannar, 1996.

Illi l-imputat talab skuza lill-Prosekuzzjoni ghal dak illi gara. Huwa ipprometta illi kien ser jaghmel tajjeb ghall-hsarat illi ghamel u fil-fatt beda jaghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat. Pero’ l-Avukat difensur tieghu u anke l-imputat fl-istess xhieda illi ta qeghdin iressqu bhala difiza il-fatt illi skond l-imputat dakinhar huwa kien gie intossikat b’mod involontarju. Il-materja ta’ sokor hija kontemplata fl-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali. Dan l-Artikolu bhala regola generali jiddisponi illi s-sokor ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali u l-eccezzjonijiet ghal din ir-regola jinsabu fis-Sub Artikoli sussegwenti u bhala eccezzjonijiet ghandhom jigu interpretati u applikati ristrettivament.

Illi meta jigi ippruvat li persuna tkun fi stat ta’ sokor volut minnha qabel ma tigi accettata l-eccezzjoni taht l-Artikolu 34 (4) il-Qorti ghandha tara u tezamina jekk minkejja dak l-istat ta’ sokor jew stat iehor approsimattiv li forsi setgha b’xi mod jinnewtralizza l-possibilita ta’ intenzjoni partikolari kienx hemm il-possibilita ta’ intenzjoni ohra. Ghandu jigi ezaminat jekk l-imputat kienx fi stat li ma setax ikollu kapacita li jifforma intenzjoni ghal reat partikolari izda kellu l-kapacita li jifforma intenzjoni ghal reat iehor.

Illi sabiex jigi invokat l-Artikolu 34 (4) b’success mhux bizzejjed li jirrizulta li l-persuna imputata tkun fis-sakra biex

dan l-istat ta' sokor ikun dirimenti jehtieg li l-Qorti tkun sodisfatta li fil-hin tal-kommissjoni tad-delitt ma kienx jaf x'qed jaghmel, jew ma kienx jaf li dak li kien qed jaghmel kienet xi haga hazina.

Illi wiehed ghandu dejjem izomm quddiem ghajnejh illi fi proceduri kriminali l-imputat meta jallega xi haga bhalma qieghed jallega f'dan il-kaz illi kien fi stat ta' sokor ghandu jipprova din l-allegazzjoni tieghu sal-grad ta' possibilita u mhux sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi irrizulta illi l-imputat fil-hin li sehh l-incident in kwistjoni kien fi stat ta' sokor u dana fil-fatt gie ikkonfermat bil-gurament minn Josephine Camilleri il-persuna li maghha l-imputat kellu xi jghid dakinhar fejn xehdet hekk "Kont miexja mir-Rahal Gdid bil-karozza u kien hemm Ciarlo Mangion, kien qieghed fis-sakra, beda jghidli biex inwaqqaf u jiena bdejt nibza' inwaqqaf u kien hemm xi pulizija fejn ir-roundabout u gew jaghtuni l-ghajnuna". Din ix-xhieda tinsab a fol. 57 tal-process.

Illi kif diga inqtal l-imputat xehed f'dawn il-proceduri u qal illi dakinhar in kwistjoni huwa kien ha xi tnejn jew tlieta birra u dakinhar kien thawwad u ma kienx jaf x'kien qieghed jaghmel. Huwa qal illi qatt ma kien gralu hekk qabel u jista

jkun illi gralu hekk ghaliex dakinhar kien bela xi tlett panadols ukoll.

Illi mix-xhieda tal-Ispettur Antoine Casha irrizulta illi meta dan kellem lill-imputat, wara li tah is-solita twissija, l-imputat kien ammetta mieghu li kien ghamel il-hsarat u kien qallu illi forsi l-pulizija isibu xi mezz biex jirrangaw l-affarijiet u hu jhallas ghad-danni li kien ikkaguna.  L-imputat dakinhar kien irrifjuta li jiehdulu stqarrija.

Illi jirrizulta ghalhekk mill-provi illi l-imputat meta gew kommessi r-reati in kwistjoni kien fi stat ta' sokor u minghajr l-ebda dubbju is-sokor kien stat volut minnu.  Illi dan l-istat ta' sokor volut tal-imputat ghandu jigi ezaminat fil-kuntest tal-akkuzi taht l-Artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9 li jirrikjedi l-intenzjoni specifika.

Illi bhala regola generali l-Artikolu 34 (1) tal-Kap 9 jiddispondi li s-sokor ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali.  L-eccezzjonijiet ghal din ir-regola generali jinsabu fis-subartikoli sussegwenti ta' dan l-Artikolu 34 u qua eccezzjonijiet dawn ghandhom jigu interpretati u applikati ristrettivament u salv li jigu sodisfatti l-kundizzjonijiet hemm espressament stabbiliti.  Kundizzjoni minnhom hi li l-akkuzat fi stat ta' sokor mhux volut dak

imsejjah accidentali bl-eghmil doluz jew negligenti ta' haddiehor. Din hi kundizzjoni essenzjali biex tavvera ruhha l-ewwel eccezzjoni ghar-regola generali imsemmija li s-sokor mhux eccezzjoni ghall-akkuza kriminali u hija espressa fl-Artikolu 34 (2) (a) tal-Kap. 9.

Illi fil-kaz in ezami dan ma japplikax il-ghaliex jirrizulta b'mod car illi kien l-istess imputat li minn jeddu gab dan l-istat ta' sokor fuqu b'mod volontarju u minghajr intervent ta' terzi.

Illi eccezzjoni ohra ghar-regola generali hija dik ikkontemplata fl-Artikolu 34 (2) (b) tal-Kap. 9 fejn minhabba s-sokor tieghu l-imputat kien fi stat ta' genn kemm temporanjament u kemm le filwaqt li kien qed jikkometti r-reat in kwistjoni. Fil-kaz in ezami dan l-istat ta' genn ma jirrizultax u ghalhekk anke din l-eccezzjoni ma tapplikax.

Illi l-eccezzjoni taht is-Subartikolu 3 tal-Artikolu 34 tal-Kap. 9 ukoll ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex din tirreferi u hija applikabbli biss f'kaz li tigi accettata l-eccezzjoni taht is-Subartikoli (a) u (b) tal-Artikolu 34 (2) tal-Kap. 9 li kif gia intqal ma japplikax ghal dan il-kaz.

Illi l-ahhar eccezzjoni dik taht is-Subartikolu 4 tal-Artikolu 34 tal-Kap. 9 illi jghid illi l-istat ta' sokor ghandu jitqies sabiex jigi stabbilit jekk il-persuna akkuzata kienitx iffurmat l-intenzjoni specifika jew xorta ohra li minghajrha ma kienitx tkun hatja tar-reat.

Illi sfortunatament peress illi ma ittiehdet l-ebda stqarrija tal-imputat il-Qorti mhijiex f'posizzjoni sabiex tevalwa jekk l-imputat kienx xorta wahda fi stat li seta jiftakar wara certi dettalji rilevanti u determinanti illi graw dakinhar in kwistjoni, minkejja il-fatt illi huwa kien fis-sakra.

Illi ma dana kollu pero' meta ftit hin wara l-incident l-imputat kien gie quddiem l-Ispettur Antoine Casha huwa stqarr mieghu ghalkemm ma hemm l-ebda stqarrija bil-miktub illi huwa kien jaf illi kien ghamel xi haga hazina u li kien lest sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni kollha illi kien ikkawza.

Ghaldaqstant il-Qorti tara li l-imputat xorta wahda kien ghadu fi stat li seta jiftakar xi dettalji dwar l-incident u dana mhuwiex il-kaz illi l-imputat assolutament ma kienx jaf x'kien qieghed jaghmel minhabba dan l-istat ta' sokor.

Illi ghalhekk mill-assem tal-provi u c-cirkostanzi kollha ezaminati mill-Qorti l-Qorti tasal ghall-fehma illi l-

kundizzjoni kontemplata fl-Artikoli 34 (4) tal-Kap. 9 ma gietx sodisfatta f'dan il-kaz sabiex dan l-istess Artikolu jigi applikabbli. Din il-Qorti ma tinklinax li izzomm li l-imputat kien talment taht l-influenza tax-xorb li ma kienx jaf x'qieghed jaghmel u mill-komportament tieghu generali tasal biex tara li hu seta jifforma kwalunkwe intenzjoni rea anke dik specifika.

Ghaldaqstant il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li fil-mument tar-reat l-imputat kien konxju ta' dak li kien qieghed jaghmel u allura huwa responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' ghemilu. Il-Qorti hija sodisfatta illi mill-provi irrizulta b'mod inekwivoku li fil-mument tal-kommissjoni tar-reati in ezami l-imputat ma kienx ghadu wasal ghal dak l-istat ta' sokor previst mil-Ligi li jeskludi l-mensrea. Izda jidher li kien fi stat li jifforma l-intenzjoni rikjesta. Kien fi stat fejn dak il-grad ta' sokor li kien fih irrendih aktar aggressiv u vjolenti, izda mhux fi stat li ma kienx jaf x'kien qieghed jaghmel u jghid.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-Artikoli 34, 95, 96, 338 (bb), 338 (dd), 342, 49, 50, u 325 (b) tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat iddikjara fil-verbal ta' din il-Qorti illi huwa dispost illi jhallas ghad-danni kollha ikkagunati minnu fl-incidenti in kwistjoni. Ghaldaqstant il-Qorti mhijiex ser titratta mal-imputat talli sar recidiv u lanqas talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Jannar, 1996.

Illi in riassunt il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat, misjub hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, ghal prigunerija ta' sitt (6) xhur u dana wara li l-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat u osservat b'dispjacir illi l-imputat inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu. Madanakollu huwa wera bic-car illi ma riedx jiehu din l-opportunita illi kienet taghtu l-Qorti sabiex jaqbad it-triq it-tajba u minflok baqa sejjer fi triq il-hazina u jikkommetti r-reati.  Illi huwa importanti ferm, fil-fehma tal-Qorti, illi l-imputat ma jinghatax messagg minn din l-Qorti illi, ghaliex ikun fis-sakra, jista' jaghmel li jrid, jinghata piena ta' prigunerija sospiza, bir-riskju illi dawn l-incdient xejn sbieh jibqghu jirrepetu ruhhom.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur